MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 2538/2003/1

**Stanley Spiteri**

**vs**

**Joseph Mercieca**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Settembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf, tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmi (Lm1,355.45c) jew somma ohra verjuri, aktar jew anqas bhala danni minnu sofferti fil-motorcycle Honda bin-numru tar-registrazzjoni JAZ 991 misjuq minnu, u dana in

segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fil-11 ta’ Frar 2003 f’Labour Road, Zabbar, waqt li l-konvenut kien isuq il-karozza Lada Samara b’numru tar-registrazzjoni BAO 348 b’negligenza, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz, u bl-imghaxijiet legali minn notifika ta’ l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fid-19 ta’ Jannar, 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-incident awtomobilistiku in kwisjoni sehh unikament tort ta’ Stanley Spiteri, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda ta’ PS 161 Toni Cachia, Stanley Spiteri, Joseph Mercieca, Lisa Mercieca, Toni Borg, Colin Cassar. Ra l-atti u d-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrigwarda danni sofferti bhala konsegwenza ta’ kollizzjoni li sehhet fil-11 ta’ Frar, 2003, f’Labour Road, Zabbar, bejn il-mutur Honda bin-numru tar-registrazzjoni JAZ 991 misjuq mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO 384 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara ghal habta tas-1:00p.m.

2. Jirrizulta li l-attur kien qed isuq f’Labour Road Zabbar sejjer lejn il-Fgura isuq fil-karreggjata ta’ gewwa b’xi 35/40m.f.s.

3. Jirrizulta li quddiem l-attur ma kienx hemm vetturi ohra pero’ kien hemm tlett vetturi ghaddejin wara xulxin fl-istess direzzjoni ta’ l-attur fil-karreggjata ta’ barra, cioe’ fuq il-lemin tieghu.

4. Skond l-attur, kif wasal hdejn it-tieni vettura mit-tlieta msemmijin, il-van li kien fuq quddiem nett waqaf, u harget il-vettura tal-konvenut minn quddiem il-van biex tidhol go Victory Street. L-attur prontament applika brake pero’ l-mutur laqat il-konvenut fuq wara.

5. Skond il-konvenut, hu kien gej mill-Fgura u ried jisker ghal go Victory Street, xeghel l-indicator, u meta van cedielu beda jaqsam. Il-konvenut ighid li d-daqqa fil-vettura tieghu kienet ikkawzata wara l-incident meta l-attur b’rabja tefa’ l-crash helmet fuq il-karozza.

6. Bhala dinamika ta’ l-incident jirrizulta li l-konvenut ma setghax jara lill-konvenut gej, filwaqt li l-attur ma setax jipprevedi li kien ser jibqa’ hiereg il-konvenut minn quddiem il-van ghalkemm kien jaf bil-prezenza tal-konvenut li kien qed jistenna biex jikser. Ghalkemm il-konvenut xeghel l-indicator, dana baqa’ jaqsam minghajr ma qaghad attent ghat-traffiku li seta’ kien gej fil-karreggjata ta’ gewwa. Fil-fatt il-manuvra tal-konvenut minn meta beda jikser kienet wahda kontinwa minghajr waqfien u minghajr brake. Mil-lat l-iehor l-attur kien qed jeffettwa sorpass mill-karreggjata ta’ gewwa u kien f’posizzjoni li jara l-van li kien qed jipprecedih fuq il-karreggjata ta’ barra kien waqaf. Huwa vero simili li l-mutur habat mal-konvenut u dana apparti dak li jirrizulta li l-attur waddab il-crash helmet fuq il-vettura tal-konvenut.

7. Rilevanti wkoll il-fatt illi ex admissis illi l-konvenut baqa’ hiereg minn quddiem il-van peress li tal-van teptiplu, u kkonferma li minn meta beda jaqsam hu ma waqafx.

8. Tenut kont ta’ dan kollu jirrizulta li z-zewg partijiet kienu responsabbli ghall-incident, ghalkemm mhux f’mod indaqs. L-attur kien ghaddej fi triq principali u kellu d-dritta, pero’ kien qed jissorpassa minn gewwa veikolu li kien ghadu kemm waqaf fil-karreggjata ta’ barra. Il-

konvenut da parti tieghu kellu responsabbilta' akbar in kwantu kien jispetta lilu li jara u jassigura li setgha jaqsam il-karreggjata minghajr ma jikkreja osatakolu ghat-traffiku li ghaddej. Il-manuvra tal-konvenut, li kienet wahda kontinwa, kienet aktar determinanti sabiex isehh l-incident. Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal qed jalloka tlett kwarti tar-responsabbilta' ta' l-akkadut lill-konvenut u kwart lill-attur.

9. Dwar id-danni hemm is-survey esebit Dok TB 1 u skond ma xehed il-mechanic Toni Borg ghandu jitnaqqas l-ammonti ta' tlieta u erbghin lira (LM43.00) u ta' mija tmienja u erbghin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm148.46) illi fil-fatt gew imnaqqsa b'nota ta' riduzzjoni prezentata mill-attur fil-11 ta' Gunju, 2004. Ghalhekk l-ammont totali ta' danni kien ta' elf mija tlieta u hamsin lira u disa' u disghin centezmu (Lm1,153.99). In kwantu l-konvenut huwa responsabbli fil-grad ta' tlett kwarti ghall-incident li sehh, jigi li l-ammont dovut lill-attur huwa ta' tmien mija u hamsa u sittin lira Maltija u disa' u erbghin centezmu (Lm865.49).

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi qed isib lill-konvenut responsabbli fi grad ta' tlett kwarti kif fuq inghad, jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u hamsa u sittin lira Maltija u disa' u erbghin centezmu (Lm865.49). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur."

L-attur appella minn din is-sentenza u talab li din tigi riformata. Huwa jilmenta li t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti u wasal ghal konkluzjoni mhux ghal kollox korretta dwar l-allokazzjoni tar-responsabilita`. Anzi jinsisti li fuq il-bazi tal-provi attendibbli l-konvenut kellu jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-kollizjoni;

Fit-twegiba tieghu l-appellat jissolleva l-punt preliminari illi din il-Qorti ta’ revizjoni ma kellhiex tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwet tribunal. Dan huwa veru pero` hu maghruf ukoll illi tali principju ghandu jinzamm entro certi limiti. Dan fis-sens illi kif ritenut ukoll mill-gurisprudenza din il-Qorti hi fl-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anke tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik tat-tribunal jekk tkun konvinta moralment li l-provi ma kienux u ma setghux iwasslu ghal konkluzjoni raggunta mill-ewwel tribunal;

Il-fatti fil-qosor huma dawn:-

(1) L-attur, li kien qed isuq mutur, kien gej minn Haz-Zabbar fid-direzzjoni tal-Fgura. L-i*speed* tieghu kien tletin (30) mil fis-siegha. Fil-karreggjata fejn kien ma kellu ebda traffiku quddiemu izda fil-karreggjata ta’ magenbu vicin is-*centre strip* kien hemm tliet vetturi wara xulxin. Meta kien biswit it-tieni vettura, l-van li kien jipprecedi lil din waqaf, u harget vettura li ttraversat minn quddiemu. Applika l-*brakes* pero` xorta wahda ma setax jevita l-iskontru mal-vettura (fol. 13). Izid jghid li lil din il-vettura lemahha quddiemu (fol. 24);

(2) Fil-versjoni tal-konvenut, li kien gej mill-Fgura fid-direzzjoni ta’ Haz-Zabbar, is-sewwieq tal-van li waqaf ghamillu sinjal bit-teptip tad-dawl biex jghaddi. Meta ghadda minn hdejn il-van huwa jistqarr li ma sabx traffiku iehor ghaddej dak il-hin. Huwa jghid li hares pero` ma ra xejn (fol. 33);

(3) Id-daqqa fuq il-vettura tal-konvenut kienet bejn il-*mudguard* u l-fanal ta’ wara n-naha tax-xellug;

Minn dan ir-rakkont tal-fatti jemergi li l-attur appellanti kien qed isuq fid-dritt fil-*main road*. Invece, il-konvenut hareg ghal gol-*main road* fl-i*stream of traffic* ghax cedielu tal-van li kien fil-karreggjata hdejn is-*central strip*. L-iskontru sar ghax il-konvenut ghadda traversalment minn quddiem l-attur ghax ried jaccedi ghal Victory Street. Dan kif muri

ahjar fl-iskizz a fol. 17. Jokkorri ghalhekk li tigi stabbilita l-htija ghall-akkadut u, fuq kollox, jekk tassew l-attur appellant ikkontribwixxiex ghall-incident b' xi mprudenza tieghu, kif hekk stabbilixxa t-Tribunal;

Jinhass opportun qabel konsiderazzjoni ta' l-aggravju interpost illi jigu rijassunti s-segwenti principji li jghoddu in materja ta' incidenti stradali:-

(1) "Id-*driver* li jkun diehel minn *side road* ghal go *main road* ghandu certi doveri x' josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road*, qabel ma johrog fiha, u dak li jmexxi *dead slow*, u sahansitra jieqaf biex jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" ("**Il-Pulizija -vs- Anthony Galea**", Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953). Huwa ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija billi ghandu d-dmir li jcedi lit-traffiku li jkun fit-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha - "**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine de le Fargue**", Appell, Civili, 2 ta' April 1976;

(2) Huwa veru wkoll illi kif abbondantement stabbilit il-*main road user* ma ghandux garanzija ta' innocenza assoluta u lanqas ma ghandu xi presunzjoni favur tieghu li l-iehor ma jgawdix ukoll. Hija biss ir-regola li hija ta' massima importanza li s-*side road user* ghandu jieqaf u jcedilu d-dritta sakemm jipprova jidhol fil-*main flow of traffic* u ghalhekk ghandu jadopera prekawzjonijiet mehtiega, imma l-grad ta' diligenza ta' kull *driver* preskritt mil-ligi huwa dak ta' diligenza ordinarja tar-*reasonable standard of care* ("**Giuseppe Bonnici *et* -vs- Massimiliano Felice *et***", Appell Civili, 15 ta' Jannar 1971). Jinghad a propozitu illi "l-*main road user* m' ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun koinvolt *side road user*" - "**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966;

Premessi dawn il-principji, din il-Qorti hi tal-fehma wara riezami akkurat tal-provi illi ma tistax tikkondividi r-ragonament tat-Tribunal. In sostenn ta' dan taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Kien ovvju illi jekk il-konvenut kellu l-hsieb li jitraversa t-triq, wara li cedielu tal-van, hu kellu jaccerta ruhu li seta' jaghmel dan bla riskju ghat-traffiku gej fit-triq principali minn fuq karreggjata ohra;

(2) Il-konvenut jghid li meta ghadda minn quddiem il-van, hares u ma ra l-ebda traffiku. Dan ifisser b' ammissjoni li hu kien konxju ta' l-obbligu li jaccerta ruhu li qabel ma jitraversa l-karreggjata mnejn kien gej l-attur l-ebda traffiku ma kien effettivament gej minn dik id-direzzjoni. Dan anke biex jaccerta ruhu mill-intenzjonijiet ta' l-attur li kif jirrizulta mill-provi kien ghaddej f' arterja principali u b' hekk kellu l-precedenza;

(3) Ghal din il-Qorti jekk hu rax lill-attur ghandu logikament ifisser illi jew ma haresx jew ma haresx sew. F' dan il-kuntest huwa irrilevanti jekk l-attur kellux jieqaf hu biex jaghti d-dritta lilu. Dan qed jinghad billi, jekk, kif konfessat, il-konvenut ma rax lill-attur, din hi ammissjoni cara li hu ma hax il-prekawzjonijiet necessarji u ma zammx *a proper look out*. Tant dan hu hekk illi kif jirrizulta l-manuvra tieghu ssorprendiet lill-attur li kien gej fi triqtu. Dan juri li l-attur kien ghal kollox sorpriz bil-mod kif hariglu l-konvenut u, nonostante rejazzjoni instantanea mill-attur bl-applikazzjoni tal-*brakes* ma tahx cans biex jiskansa l-habta;

(4) Minn dawn l-osservazzjonijiet hi l-fehma konsiderata tal-Qorti, anke fuq l-interpretazzjoni taghha ta' l-ammissjonijiet tal-konvenut u l-inferenzi li jitnisslu minnhom, illi bil-mod tat-traversar tat-triq, in-nuqqas li jara dak li kellu jara, il-konvenut kien qed jesponi ruhu ghar-responsabilita` shiha ghal dak li fil-fatt gara. Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti ma tirravisa l-ebda ksur tar-regolamenti jew nuqqas ta' prudenza da parte ta' l-attur appellant. Konsegwentement issib li dan hu kaz

fejn din il-Qorti hi obbligata tiskarta dawk il-fatti u ragonamenti li s-sentenza appellata tkun ibbazat ruhha fuqhom.  L-aggravju hu ghalhekk gustifikat.

Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata qed tigi riformata fis-sens li r-responsabilita` shiha ghall-incident stradali *de quo* kellha tigi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz addebitata lill-konvenut appellat.  Konsegwentement din il-Qorti qed tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta b' dan li s-somma in linea ta' danni li l-konvenut hu ordnat ihallas hi dik ta' elf mija tlieta u hamsin lira Maltija, disgha u disghin centezmu (Lm1153.99), fit-termini tan-Nota ta' riduzzjoni (fol. 42);

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellat.  Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------